M A R A

PREMJU MARA 2023/2024

# LINJI GWIDA

## VIŻJONI

Dan il-premju, li jirrikonoxxi l-irwol tal-mara fis-soċjetà Maltija, qiegħed jingħata minn Dr Lydia Abela lil dawk in-nisa kollha li, b'xi mod jew ieħor, wettqu differenza f'ħajjet ħaddieħor u ħallew impatt pożittiv.

Permezz ta' dan il-premju, qed jinħoloq rikonoxximent uniku li jirrappreżenta 68 lokalità mifruxa madwar Malta u Għawdex.

## SKOP

Il-Premju Mara jrid jilħaq għan wieħed: dak li f'Jum il-Mara nirriflettu fuq l-irwol ta' kull mara fis-soċjetà filwaqt li nitgħarblu u nifhmu aħjar x'jonqosna nagħmlu biex naslu fejn verament nixtiequ.

L-għan ta' dan il-premju huwa li:

- In-nisa ta' kull età jkunu rikonoxxuti ta' sehemhom
- Inkabbru l-għarfien tas-suċċessi miksuba mill-mara
- Nippromwovu l-involviment tal-mara f'pajjiżna

## DATI IMPORTANTI

**8 ta' Frar** – Tnedija tal-Premju u ftuħ tan-nominazzjonijiet

**16 ta' Frar** – Jagħlqu n-nominazzjonijiet

**26 ta' Frar** – Il-Kunsilli Lokali jissottometu l-għażla tagħhom

**8 ta' Marzu** – Is-serata tal-għoti tal-Premju Mara 2023/2024

MARA

PREMJU MARA 2023/2024

## Informazzjoni Ġenerali

- Il-premju huwa miftuħ għan-nisa ta' kull età u jistgħu jkunu involuti f'kull settur ta' negozju, xogħol, volontarjat jew dak akkademiku.
- Is-sottomissjoni tan-nomina trid tidħol fil-Kunsill Lokali fejn il-persuna hija residenti.
- In-nominazzjonijiet huma bla ħlas.
- Dawk nominati jridu jkunu lesti li jirċievu l-premju personalment huma waqt iċ-ċerimonja tal-għoti tal-Premju Mara 2023/2024 u jkunu lesti li isimhom u r-ritratti tagħhom jintużaw għall-finijiet ta' pubbliċità.
- Mas-sottomissjoni tan-nominazzjoni, il-persuni nominati jaqblu li s-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali jista' juża l-informazzjoni mogħtija fil-formola ta' nominazzjoni għall-finijiet ta' xandir u pubblikazzjoni.
- L-ebda informazzjoni kunfidenzjali ma tinfirex jew tinkixef.
- In-nominazzjonijiet għandhom jinkludu ritratt ta' kwalità għolja tal-persuna nominata.
- Għal kull lokalità se tintgħażel finalista waħda biss.
- Dawk magħżula bħala finalisti jirċievu l-premju fis-serata finali fit-8 ta' Marzu 2024.
- Iżjed dettalji jitħabbru 'il quddiem.